# L-Ambjent Ġeografiku

## Malta Art Twelidna
### Għar-Raba' Livell ta' Tagħlim





Edward Gilson

*copyright test* © *Edward Gilson 2006*
*stampar* *Stamperija tal-Gvern*
*produzzjoni* *Edward Gilson*
*isettjar* *Edward Gilson*
*disinn tal-qoxra* *Edward Gilson*
*Ritratti oriġinali* *Edward Gilson*

*ħajr*
*Anton Quintano u Anna Maria Gilson li qraw b'reqqa kbira t-test*
*Anton Quintano u Rita DeBattista għall-pariri siewja tagħhom*
*Patrick Pace għall-għajnuna fl-isettjar*

*Il-jeddijiet tal-pubblikazzjoni miżmuma minn Edward Gilson.*
*Dan il-ktieb qed jinbiegħ bil-kundizzjoni li ma jistax jinsilef, jerġa' jinbiegħ jew jingħata b'xejn f'xi għamla oħra jew legatura ħlief kif inhu ppubblikat. Ma jista' jsir fih ebda tibdil. Ebda silta minnu ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa b'mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat jew b'xi mod ieħor mingħajr il-permess ta' l-awtur.*

# WERREJ


## 1 It-Temp u l-Klima

1.1 Ir-Rapport tat-Temp 6
1.2 Xi Sħana! 10
1.3 Nifthu l-Umbrella 14
1.4 Riħ Isfel jew Riħ Fuq? 20

## 2 Artna u Madwarna

2.1 Fejn Ninsabu? 32
2.2 Ġirien Tagħna 40
2.3 Fejn Noqogħdu 50
2.4 Saff fuq Saff 60
2.5 Arzell, Rizzi u Bebbux ... fil-Blat? 70
2.6 Fil-Għoli jew fil-Baxx? 74

## 3 L-Użu ta' l-Art

3.1 Ħxejjex, Frott, Fjuri u Bhejjem 84
3.2 Xogħol fil-Fabbriki 104
3.3 Minn Post għall-Ieħor 116

## 4 Il-Ħarsien ta' l-Ambjent

4.1 Fil-Kwiet tal-Kampanja ... fil-Kumdità tal-Belt 136
4.2 Duħħan, Storbju u Skart 146
4.3 Nużaw il-*Bring-in Sites* 156

## Kelmtejn Qabel

It-tagħrif u l-eżerċizzji f'dan il-ktieb huma maħsubin biex l-istudenti jagħrfu aktar l-ambjent ġeografiku fl-aspetti differenti tiegħu.  Permezz ta' dan il-*workbook*  l-istudenti  fis-sitt sena ta' l-iskola primarja jistgħu jiksbu dawk il-ħiliet u  l-attitudnijiet li għandhom bżonn biex jifhmu l-ambjent ġeografiku ta' madwarna u fl-istess ħin isiru ċittadini aktar responsabbli u maturi, jibżgħu għall-ambjent u jagħtu sehemhom bil-qalb  fis-soċjetà.

Kull edukator huwa fid-dmir li jaddatta u juża bil-għaqal ir-riżorsi miġbura f'dan il-ktieb skond it-tfal li qed jaħdem magħhom. Ir-ritratti, it-tpinġijiet, il-mapep, l-eżerċizzji u l-esperimenti miġbura hawn jgħinu biex jiffaċilitaw it-tagħlim u jagħmluh aktar interessanti. L-istudenti huma mħajra biex jipparteċipaw b'mod dirett billi jfittxu u jibnu riżorsi huma stess kif ukoll jużaw t-teknoloġija ta' l-informatika.